# Mixja qalb in-natura fil-Fawwara

## Ikomplu l-attivitajiet għall-familji organizzati mill-Adult Activities Group ta' BirdLife Malta

L-Adult Activities Group ta' BirdLife Malta dan l-aħħar kompla bl-attivitajiet tiegħu ta' kull xahar għall-pubbliku b'mixja fin-natura tal-Fawwara.

Il-parteċipanti f'din l-attività ltaqgħu maġenb il-Palazz tal-Verdala u mxew lejn l-inħawi tal-barrieri f'Ta' Żuta, imbagħad fid-direzzjoni tas-sit ta' Żmien il-Bronż f'Ġebel Ciantar. Wara li kompla miexi 'l isfel f'dan il-wied mill-isbaħ, il-grupp kompla miexi lejn il-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu (1616) li tinsab fis-sit fejn twaqqfet in-Nixxiegħa tal-Fawwara.

Aktar 'l isfel fil-wied il-grupp żar il-Kappella tal-Lunzjata, li tinsab quddiem Wied Liemu. Il-mixja ġiet fi tmiemha bi żjara lill-Kappella tal-Madonna tal-Providenza fis-Siġġiewi.

Kienet mixja twila 10km li dawk li pparteċipaw fiha bil-familji tagħhom ħadu gost jagħmlu. Membri tal-pubbliku u familji huma mħeġġa jipparteċipaw f'attivitajiet bħal dawn li jsiru fuq bażi regolari. L-attività li jmiss organizzata mill-Adult Activities Group ta' BirdLife Malta se tkun il-mawra ta' ġurnata fi Sqallija ppjanata għall-1 ta' April. Il-*bookings* għal din l-attività qed jintlaqgħu sat-3 ta' Marzu.

Wieħed jista' jsegwi d-dettalji aġġornati dwar l-attivitajiet tagħna billi jżur is-sit elettroniku http://birdlifemalta.org/events.

Membri ta' BirdLife Malta jingħataw prijorità għal dawn l-attivitajiet. Dawk li jixtiequ jsiru membri ta' BirdLife Malta jistgħu jissieħbu billi jżuru http://birdlifemalta.org/become-member.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/mZDwfINpED**

- Ritratt tal-grupp li attenda l-mixja flimkien ma' ritratti oħra (Ritratti ta' BirdLife Malta)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna